**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Catherine mart Joseph Damato

*versus*

Joseph Damato magħruf bħala Ġuże Damato

**Appell - Deżerzjoni - Rinunzja ta' - Terminu - Perentorjetà - Reġistratur - Poteri tar- - Artikoli 57, 732, 963 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*L-attur talab lill-Qorti ta' l-Appell prevja dikjarazzjoni illi appell mhux deżert tappuntah għas-smigħ.*

*Minn eżami ta' l-atti l-Qorti ta' l-Appell sabet illi kien għadda t-terminu perentorju ta' sena biex jiġu nnotifikati l-atti mingħajr xi ġustifikazzjoni eċċezzjonali li tista' tagħti lok għall-eżerċizzju tad-diskrezzjoni li t-terminu jiġi estiż bit-terminu perentorju ta' xahar u ċaħdet it-talba.*

Il-Qorti:-

Din hi kawża ta' separazzjoni istitwita mill-mara kontra żewġha li fiha qed tintalab dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali għal ħtijiet attribwibbli lill-konvenut, kundanna għall-ħlas ta' *manteniment* u dikjarazzjoni ta' *xoljiment* tal-komunjoni ta' l-akkwisti u likwidazzjoni u assenjazzjoni ta' l-istess kif ukoll dikjarazzjoni li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tiegħu skond il-liġi. B'sentenza ta' l-1 ta' Ġunju, 1993, il-Qorti laqgħet it-talbiet kollha attriċi u ddeċidiet konformament. Il-konvenut appella minn din is-sentenza b'aggravju li prinċipalment jattakka l-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-assenjazzjoni tagħha. Għandu jingħad li l-appellant aġixxa ukoll kontra martu kontestwalment u bl-istess mod deċiża b'sentenza li ngħatat fl-istess jum. Anke minn din is-sentenza appella biss ir-raġel b'petizzjoni identika. Iż-żewġ petizzjonijiet ta' l-appell ġew introdotti fl-24 ta' Ġunju, 1993;

Qabel jiġi ttrattat il-meritu jrid però jiġi ssorvolat ostakolu proċedurali li altrimenti jimpedixxi kull trattazzjoni ulterjuri fiż-żewġ appelli. Dan l-ostakolu jemani mid-dikjarazzjoni tar-Reġistratur ta' l-24 ta' Ġunju, 1994, f'dan l-appell illi "billi għaddiet sena mid-data tal-preżentata ta' l-appell dan hu meqjus deżert skond l-artikolu 963 tal-Kap. 12". Dikjarazzjoni li saret *ai termini* ta' dak il-Kodiċi qabel l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995;

Dan l-appell, in vista ta' din id-dikjarazzjoni ma ġie qatt appuntat għas-smigħ minn din il-Qorti. Ġara però illi l-appell ta' l-istess Joseph Damato fil-kawża l-oħra fuq ċitata, li fiha kien qed jidher bħala attur, ma saritx fih l-istess dikjarazzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 963 mir-Reġistratur tal-Qrati, u dan l-appell allura baqa' jipproċedi u ġie minn din il-Qorti apppuntat għas-smigħ għas-27 ta' Marzu, 1996. Fl-ewwel seduta regolari f'dik il-kawża li saret fit-13 ta' Mejju, 1996, quddiem din il-Qorti, *l-appellata ivverbalizzat li "l-meritu ta' dan l-appell kien*

konness ma' dak ta' appell ieħor f'kawża fl-ismijiet inversi, Ċitaz. nru. 147/87 (ċjoè din il-kawża) liema kawża marret deżerta fl-appell fl-24 ta' Ġunju, 1994". Ivverbalizzat ukoll illi din il-kawża li marret deżerta u li allura għaddiet in ġudikat iddeċidiet ukoll ir-responsabbilità għas-separazzjoni personali. Kien f'dik is-seduta li l-appellant irrealizza li l-appell tiegħu f'din il-kawża kien mar deżert u konsegwenza, kif ingħad, illi s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet għaddiet in ġudikat. Kien għalhekk illi fl-4 ta' Ġunju, 1999, l-appellant ippreżenta s-segwenti rikors biex din il-Qorti tiddikjara li l-appell tiegħu ma kienx deżert u, konsegwentement, talab li din il-Qorti tappuntah għas-smigħ skond il-liġi;

Ir-rikors igħid:

"Illi l-esponent reċentement sar jaf illi l-appell tiegħu, ippreżentat fl-24 ta' Ġunju, 1993, ġie ddikjarat deżert mir-Reġistratur fl-24 ta' Ġunju, 1994, "skond l-artikolu 963, Kap. 12";

Illi dan huwa manifestament errat billi, kif jirriżulta ċar mill-artikolu 732 (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, id-deżerzjoni hija sollevabbli biss b'eċċezzjoni tal-kontroparti u mhix ta' ordni pubbliku, stante li hija rinunzjonabbli (ara f'dan is-sens anke l-artikolu 963 (4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili);

Illi, għalhekk ir-Reġistratur tal-Qorti ma għandu l-ebda setgħa jissolleva *ex officio* l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni li tispetta biss lill-parti l-oħra fil-kawżi opportuni;

Illi, barra minn dan, l-artikolu 963 bl-ebda mod ma jfisser li d-deżerzjoni tgħaddi qabel jiġi appuntat għas-smigħ. L-

artikolu 963 kien ġie konċepit f'reġim meta l-appelli kienu jiġu appuntati għas-smigħ immedjatament malli jiġu pprezentati u ma jinkwadrax fil-possibbilità li appell jiġi appuntat għas-smigħ snin wara l-preżentata;

Illi, barra minn dan, l-esponent jirrileva illi ma jirriżultax illi l-appellata martu ma ġietx notifikata, iżda biss jirriżulta illi l-*pink card* ma ġietx lura. Anzi jiġi rrilevat illi fis-27 ta' Settembru, 1995, l-imsemmija appellata ippreżentat risposta tagħha għall-appell interpost mill-esponent;

Għalhekk, jingħad illi l-appellata apparentement ma ġietx innotifikata, stante li ma ġietx prodotta l-*pink card* li tiċċertifika dan;

Għalhekk l-esponent ġie mċaħħad mid-dritt tiegħu ta' smigħ xieraq, b'applikazzjoni żbaljata tal-liġi;

Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorevoli Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni illi għar-raġunijiet premessi dana l-appell mhuwiex deżert, jogħġobha tappunta dan l-appell għas-smigħ skond il-liġi";

Il-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

L-ewwel sottomissjoni ta' l-appellant hi li d-dikjarazzjoni tar-Reġistratur li biha l-appell ġie ddikjarat deżert kienet manifestament errata billi d-deżerzjoni kienet sollevabbli biss b'eċċezzjoni tal-kontroparti u mhux ta' ordni pubbliku, stante li hija rinunzjabbli. Jissottometti l-appellant allura li r-Reġistratur tal-Qrati m'għandu l-ebda setgħa jissolleva *ex officio* l-eċċezzjoni tad-deżerzjoni u li tispetta biss lill-parti l-oħra. Din sottomissjoni li tidher *prima facie* ġustifikata imma li hi fil-verità bbażata fuq premessi skorretti. Infatti:

"Hu skorrett li jingħad li r-Reġistratur bid-dikjarazzjoni tiegħu issolleva xi eċezzjoni u wisq anqas - kif kultant jingħad - li ppronunzja xi digriet ta' deżerzjoni. Id-dikjarazzjoni in parola, li tidher li bdiet issir, u ilha hekk issir snin twal bi prattika aktar milli b'volontà ta' xi disposizzjoni espressa tal-liġi, issir mir-Reġistratur fil-funzjonijiet tiegħu bħala uffiċjal pubbliku li għandu "taħt ir-responsabbilità tiegħu r-Reġistru" (artikolu 57 (1) tal-Kap. 12). "Hi dikjarazzjoni li hi ukoll meħtieġa in vista ta' dak li jiddisponi l-artikolu 693 (5) tal-Kap. 12 li "bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 732, il-kawżi, li l-proċeduri bil-miktub tagħhom ma jiġix magħluq fiż-żmien hawn fuq imsemmi, jiqiesu deżerti";

Il-kliem "jitqiesu deżerti" ġew interpretati li jfissru fil-ġurisprudenza, li d-deżerzjoni hi waħda awtomatika appena javverraw ruħhom iċ-ċirkostanzi mil-liġi stabbiliti. L-artikolu 963 (1) jgħid hekk: "il-proċedura bil-miktub f'kull kawża għandha tiġi magħluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad fiż-żmien perentorju ta' sitt xhur u fil-Qorti fi grad ta' appell fi żmien perentorju ta' sena";

"Id-deżerzjoni ... kienet awtomatikament avverrat ruħha ... Qed jingħad "awtomatikament" għaliex fl-artikolu 963 (5) ... il-kawżi li l-proċeduri bil-miktub tagħhom ma jiġux magħluqa fiż-żmien hawn fuq imsemmi jitqiesu deżerti" (Vol. LXXVIII, pt. II, sez. 1, p. 10);

Ir-Reġistratur tal-Qrati allura bid-dikjarazzjoni tiegħu jagħmel biss kostatazzjoni ta' fatt li jirrifletti l-istat ta' dritt li mill-atti kien jirriżulta li l-proċeduri kellhom jitqiesu li kienu deżerti, għax kienu avverraw ruħhom iċ-ċirkostanzi li fihom il-liġi kienet tesiġi awtomatikament id-deżerzjoni. Ir-Reġistratur la jagħti eċċezzjoni u lanqas joħroġ digriet. Id-dikjarazzjoni tiegħu hi att amministrattiv fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu

fuqu mposti bil-liġi. Att amministrattiv li ma għandu ebda effett dirett u ta' sustanza fuq id-dritt ta' azzjoni u l-proċeduri quddiem il-Qorti. Dawk l-effetti jemanu *ex lege*. Hu att amministrattiv li jibqa' allura, fil-każijiet fejn hekk ikun ġuridikament konsentit li jsir, sindakabbli mill-Qrati - f'dan il-każ minn din il-Qorti. Dan mhux biss biex jiġi eżaminat jekk ir-Reġistratur kienx espleta l-funzjoni amministrattiva tiegħu korrettement u skond il-liġi, imma ukoll biex jiġi stabbilit jekk kinux jew le verament jeżistu raġunijiet skond il-liġi biex jiġi ddikjarat li l-atti ma jkunux marru deżerti nonostante d-dikjarazzjoni tar-Reġistratur. Funzjoni din ta' l-aħħar li tesula mill-funzjonijiet tar-Reġistratur li seta' biss jagħmel, kif għamel f'dan il-każ, kostatazzjoni fattwali illi *on the fact of the acts* kien jidher li l-kawża kellha titqies li marret deżerta;

Skond il-liġi allura jekk il-proċeduri bil-miktub quddiem din il-Qorti ma jingħalqux żmien sena minn mindu jkunu daħlu, l-appell imur deżert *ope legis*. Dan iwassal għall-konklużjoni illi fejn ir-Reġistratur ikun ikkonstata dan il-fatt u allura jattira l-attenzjoni tal-Qorti illi skond il-liġi l-appell kien mar deżert u dana qabel ma l-appell ikun ġie appuntant għas-smigħ, ma jkunx il-każ illi l-Qorti neċessarjament tappunta l-appell għal dan il-fini għax il-kawża tkun diġà marret deżerta. Lanqas ikun il-każ illi eċċezzjoni ta' deżerzjoni kellha titqajjem mill-appellata kif qed jippretendi r-rikorrent għax altrimenti l-appell ma jkunx meqjus li hu deżert. Dan għas-sempliċi raġuni li r-rikors ta' l-appell ma jkun qatt ġie lilha notifikat qabel ma l-proċeduri marru deżerti. F'dawn iċ-ċirkostanzi - applikabbli għall-każ taħt eżami l-appellant ma jibqagħlux rimedju ieħor ħlief li bil-proċedura li adotta fir-rikors taħt eżami, jittanta jiġġustifika li għal xi raġuni valida fil-liġi l-kawża ma kinitx marret *ope legis* deżerta. Rikors dan li jkun immirat mhux biex jiġi rrevokat xi digriet li, kif ingħad, qatt ma ngħata, imma biex il-Qorti tikkostata li ċ-ċirkostanzi ma kinux tali li jimportaw d-deżerzjoni tal-kawża u, li, allura kien il-każ illi l-appell jiġi

appuntant għas-smigħ. Fejn, għall-kuntrarju, il-kawża tkun ipproċediet, u dana sa l-ewwel appuntament għas-smigħ quddiem din il-Qorti, u fejn jinstab li l-proċeduri bil-miktub ma jkunux magħluqa, ikun japplika s-subinċiż (3) ta' l-artikolu 963. Il-Qorti f'dik l-eventwalità tkun tista' tordna li din il-kawża terġa' tiġi mqegħda mal-kawżi li l-proċeduri tagħhom bil-miktub ikunu għadhom mhux magħluqa u f'dan il-każ tiffissa għall-għeluq ta' dik il-kawża żmien perentorju ta' mhux aktar minn xahar. Disposizzjoni din li ma tapplikax għaċ-ċirkostanzi ta' dan ir-rikors;

Hi allura nkorretta s-sottomissjoni ta' l-appellant rikorrent illi l-artikolu 963 bl-ebda mod ma jfisser li d-deżerzjoni tgħaddi qabel l-appell jiġi appuntat għas-smigħ. Għall-kuntrarju, id-deżerzjoni tavvera ruħha appena jiddekorri t-terminu perentorju stabbilit bil-liġi b'dan li l-liġi tipprovdi rimedji partikolari fejn din is-sanzjoni tista' tiġi *in extremis*, u jekk tirriżulta adegwatament ġustifikata, evitata f'dawk il-każijiet fejn u jekk il-Qorti hekk jidhrilha ġust. Infatti, fil-każ ikkontemplat fis-subinċiż 3 ta' l-artikolu 963, il-Qorti għandha l-fakoltà (tista' mhux għandha) tordna li l-kawża terġa' tiġi mqegħda fuq il-lista għan-notifika fi żmien perentorju ta' xahar "... il-konċessjoni msemmija fis-subinċiż (3) fejn jingħad "il-Qorti tista' tordna" - tista' mhux għandha - billi din id-diskrezzjoni hija mogħtija lill-Qorti sabiex, fil-każijiet li jistħoqqilhom, anke il-perentorjetà ta' sena u aktar tas-subinċiż (1) tiġi estiża bi żmien perentorju ieħor - din id-darba ġudizzjali ta' xahar" (Vol. LXXVIII, pt. II, sez. II, p. 164). Mhux il-każ li f'dan id-digriet jiġi elaborat liema huma dawk il-każijiet li jistħoqqilhom li jingħataw din l-opportunità estrema mill-Qorti biex jingħalqu l-proċeduri bil-miktub u tiġi evitata d-deżerzjoni. Jiġi biss aċċennat illi din il-*Qorti diġà obiter indikat li dawn il-każi jistgħu jkunu jinkludu* dawk fejn ikun hemm nuqqas amministrattiv serju da parti ta' l-amministrazzjoni tal-qrati, mingħajr ma jkun hemm traskuraġni serja da parti ta' l-appellant (Ara Vol. LXXIX, pt. II, sez. II, p.

962);

Fil-każ taħt eżami, din il-Qorti jeħtiġilha biss teżamina jekk kinux jew le jokkorru raġunijiet gravi ġustifikabbli għaliex ma kellux jitqies li l-kawża kienet marret deżerta. Kif sewwa ssottomettiet l-appellata intimata, il-liġi timponi obbligu fuq l-appellant li jaċċerta ruħu li l-appellata tiġi notifikata bir-rikors ta' l-appell. Jekk wara li tgħaddi s-sena jirriżulta li l-appellata kienet għadha mhux notifikata, allura n-nuqqas ta' l-appellant li jipprokura notifika, titqies bħala rinunzja da parti ta' l-appellant. F'dan is-sens hi s-sentenza ta' din il-Qorti l-ismijiet **Alfred Borg *vs* Ian Salamone *et*,** deċiża fit-28 ta' Frar, 1994. Bħal kull regola proċedurali oħra, allura, id-disposizzjonijiet fir-rigward ta' deżerzjoni jeħtieġ li jiġu osservati rigorożament u hu biss eċċezzjonalment illi dawn il-provvedimenti, fejn jimportaw sanzjonijiet m'għandhomx isibu applikazzjoni meta jkun jirriżulta ċar illi dawn kienu sejrin jikkozzaw mal-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-smigħ xieraq u ġust. L-unika raġuni avanzata mill-appellant, u li kieku ppruvata kienet verament tkun raġuni valida għal din il-ġustifikazzjoni, hi li, skond hu, ma jirriżultax li l-appellata martu ma kinitx ġiet notifikata bir-rikors ta' l-appell, iżda jirriżulta biss illi l-*pink card* ma ġietx lura. Li kieku dan jirriżulta mill-atti, kien ikun ifisser illi kien hemm allura l-possibbilità illi l-proċeduri bil-miktub setgħu kienu ġew konklużi fit-terminu statutorju. Il-provi però juru l-kontra. Il-proċeduri bil-miktub kellhom, skond il-liġi, jagħlqu fl-24 ta' Ġunju, 1994. Fit-13 ta' Awissu, 1993, l-uffiċjal tal-Qorti, permezz ta' avviż lill-Avukat Difensur ta' l-appellant. informah bil-fatt li ma kienx jirriżulta li martu kienet ġiet notifikata bil-petizzjoni. Kien jispetta lill-appellant li jassigura din in-notifika fi żmien utili. Ħaġa li baqa' ma ttantax jagħmel sakemm ma rrealizzax bin-nuqqas tiegħu waqt is-smigħ tal-kawża l-oħra. Għall-bqija l-Qorti sabet il-proċeduri għal kollox ritwali u ma sabitx raġuni għaliex il-provvedimenti espressi tal-liġi, fir-rigward ta' deżerzjoni tal-kawża, ma kellhomx jiġu

rispettati *ad unguem*. L-appellant ma jistax jilmenta li kien qed jiġi mċaħħad mid-dritt tiegħu għal smigħ xieraq meta kien hu stess li naqas li josserva proprju dawk il-provvedimenti li huma wkoll maħsub biex jassiguraw iva smigħ xieraq, imma anke fi żmien raġonevoli b'ġustizzja ukoll għall-kontroparti;

Għal dawn il-motivi r-rikors hu miċħud bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.